# Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Settembru 2018

Network Dinji ta’ Talb mal-Papa MALTA

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu: **Sabiex iż-żgħażagħ fl-Afrika jkollhom aċċess għall-edukazzjoni u għax-xogħol f’pajjiżhom.**

**Ninġabar:**

Insib post fil-kwiet u pożizzjoni komda u nidħol fil-preżenza ta’ Alla. Nirringrazzjah għal dawk kollha li jaħdmu bla heda sabiex jedukaw lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar tagħna.

**Fatt ċkejken:**




Kabuto Raloz għallem lin-neputi Pendo kif ipoġġi l-madum. Iżda xogħol fir-raħal ma kienx hemm. Għalhekk Pendo kien jimxi għaxar kilometri kuljum biex imur il-belt ifittex ix-xogħol. Kien joqgħod bilqiegħda ma’ grupp żgħażagħ bħalu, jistennew biex forsi jiġi xi ħadd joffrilhom ix-xogħol. Waqt li kien qed jitkellem ma’ żagħżugħ ieħor qallu kemm xtaq li kellu ċ-ċans jitgħallem l-iskola meta kien żgħir. Kompla jżid li kieku forsi ma kienx isib ruħu f’din is-sitwazzjoni. Iż-żagħżugħ wieġbu li ftit kienet se tagħmel differenza. Qallu: “Ħares lejn dik it-tfajla. Dik gradwata u ma sabitx xogħol. Allura qed tbigħ il-*mobiles* fit-toroq biex forsi taqla’ xi ħaġa. Xahar ilu ddeċidiet li tkompli tistudja filgħaxija biex forsi jkollha vantaġġ biex issib impjieg għal qalbha. Tista’ taħseb kif ħassitha meta, fl-ewwel jum li beda kors, skopriet li l-ħamsa u erbgħin studenti li kienu qed jistudjaw magħha, kollha kienu fl-istess ilma. Mhux hekk biss, iżda kienet issograt meta sselfet 1600 dollaru biex tħallas il-miżatà”. Pendo ħassu rrabjat u frustrat għax f’pajjiżu, sew jekk ikollok il-fortuna li titgħallem l-iskola u sew jekk ma jkollokx, xorta ssib ruħek bla xogħol. Mhux ta’ b’xejn li ż-żgħażagħ spiċċaw jitlajjaw ’l hawn u ’l hinn u qatgħu qalbhom li qatt se jkollhom futur sabiħ. Qagħad jaħseb bejnu u bejn ruħu kemm kienu ffortunati ż-żgħażagħ Ewropew li setgħu jitgħallmu u jistudjaw u jsibu mpjieg.

**Naħseb ftit:**

X’tip ta’ għajnuna tingħata lill-Afrika mill-pajjiżi iktar żviluppati? Din tissarraf fi proġetti li joħolqu mpjiegi għaż-żgħażagħ? Lilna jimpurtana tassew li nħarsu d-dritt ta’ dawn iż-żgħażagħ li jistudjaw u li jkollhom pajjiż mibni fuq sisien ta’ ekonomija b’saħħitha u sostenibbli?

**Nitlob:**

Mulej, nitolbok li ddawwal lill-mexxejja tal-pajjiżi Afrikani sabiex isibu soluzzjoniet verament effettivi biex iż-żgħażagħ fl-Afrika jkollhom aċċess għall-edukazzjoni u x-xogħol f’pajjiżhom.

**Kliem ta’ dawl:**

Ix-xogħol huwa fundamentali għad-dinjità tal-bniedem. *Papa Franġisku*

**X’nista’ nagħmel:**

Ħafna żgħażagħ Afrikani li jkollhom edukazzjoni għolja, jispiċċaw jaħdmu xogħlijiet baxxi u manwali. Min jaf kieku nħares lejhom b’aktar rispett u forsi naħdem biex inqajjem kuxjenza dwar din ir-realtà?